MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Numru. 1273/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Alexander Baldacchino ta' 67 sena iben il-mejjet Walter u l-mejta Mary Elise nee` Gresham imwieled Hamrun nhar 06 t'April 1942 u residenti gewwa 56, St. John Street, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 258442M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fos-07 t'Awissu 2010 gewwa s- "City Lights Capitol Cinema" sitwat f'numru 56, Triq San Gwann, il-Belt Valletta:

(a) Ghal qligh, jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku,

immanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel, jew dahhal f'Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le;

(b) Innegozja f'xi oggett stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ukoll jekk dak in-negozju sar bil-mohbi, jew qassam xi oggett bhal dawk jew wera xi oggett bhal dak fil-pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku;

(c) Uza l-fond 'City Lights Capitol Cinema', cioe 56, Triq San Gwann, Valletta ghall-projezzjonijiet cinematografici w dan minghajr il-licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

(d) F'post pubbliku jew f'xi post miftuh ghall-pubbliku cioe 'City Lights Capitol Cinema' ghamel xi wirja bil-mezz ta' 'projector' ta' filmx bil-'video' minghajr licenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

(e) Haddem makkinarju w apparat tac-cinema minghajr licenzji mill-awtorita kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega mil-ligi jew mir-regolamenti maghmula mill-Awtorita kompetenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja tal-10 ta' Jannar, 2011.;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 208(1)(2)) u 338(gg) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 2 u 41 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 10.17 u l-artikoli 2 u 6(1) tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 10.34 issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska ta’ Dok JG2 u JG5. Il-Qorti tawtorizza lill-Kummissarju tal-Pulizija jghaddi ghad-distruzzjoni tal-istess dokumenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------